MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2010

Numru 340/1998

**Il-Pulizija**
**Spettur Chris Pullicino**
**V**

**JOSEPH CINI**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **JOSEPH CINI** ta’ hamsa w erbghin sena bin Joseph u Jane nee Buttigieg imwieled Pieta nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Mejju 1964 u residenti Santa Marija Rehabilitation Centre, Hal Luqa, detentur tal-karta tal-identita numru 304664M gie mressaq quddiemha akkuzat:

a. Talli fit-tnax t’April 1991 ghal habta tas-sebgha w nofs ta’ filghaxija kkommetta serq ta’ madwar elfejn lira maltin f’gojjellerija u ta’ disgha mitt lira fi flus mill-fond Plot 231, Taz-Zwejt, limiti ta’ San Gwann, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta’ Paul Debono minn San Gwann;

b. Talli fl-istess data tat-tnax t'April 1991, u fil-granet ta' wara, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta, jew xjentement, kull mod iehor li jkun, indahal biex jbieghhom jew imexxihom

c. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe fl-aperturi tal-fond Plot 231, Taz-Zwejt, limiti ta' San Gwann, liema hsara teccedi l-ghaxar liri maltin izda mhux l-hamsin lira maltin;

d. Talli rrenda ruhu recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati erbgha ta' Mejju 1993, tletin ta' Novembru 1993, disgha w ghoxrin t'Awwissu 1994, tnejn ta' Lulju 1996 u tletin ta' Lulju 1997.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-process verbal redatt mill-allura Magistrat Dottor Carol Peralta nhar t-tmienja ta' Lulju 1991 [fol. 32 et seq tal-atti], s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat esibita a fol. 105 et seq bhala Dok. RZ, sentenza ohra a fol. 110 et seq bhala Dok. PC wkoll fil-konfront tal-imputat odjern, sentenza ohra a fol. 114 et seq tal-atti bhala Dok. JS 1, sentenza ohra wkoll fil-konfront tieghu a fol. 122 bhala Dok. JS 2, sentenza ohra fil-konfront tieghu a fol. 125 bhala Dok. JS 3, kif wkoll l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Settembru 2009 [fol. 207] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Rat wkoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tletin ta' Novembru 2001 (fol. 238).

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-wiehed w ghoxrin t'Ottubru 2009 [fol. 210].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi din il-kawza giet differita diversi drabi sabiex id-difiza tressaq il-provi taghha jew fin-nuqqas sabiex issir it-trattazzjoni, izda dan nonostante d-difiza ma dehritx.
Rat il-verbal tal-Qorti tas-seduta mizmuma fis-sitta w ghoxrin (26) ta' Novembru 2009 fejn din il-Qorti kienet sahansitra anke tat zmien lid-difiza sabiex tipprezenta n-nota ta' sottmissjoni taghha, izda dan nonostante naqset li taghmel dan w ghalhekk din il-kawza llum tinsab differita ghas-sentenza 'n difett t'ostakolu.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sbatax ta' Gunju 1998 **xehed l-allura Spettur John Sacco** [fol. 23 fejn qal li fit-tnax t'April 1991 ghal habta tad-disgha w kwart ta' filghaxija certu Paul Frank Debono kien irrakkonta lil puliizja li hekk kif irritorna d-dar tieghu, sab li d-dar tieghu kienet giet sgassata u safa' misruq minn xi affarijiet. Qal li l-pulizija li kienu marru fuq il-post u cioe Plot 231, Taz Zwejt, limiti ta' San Gwann kienu sabu li xi hadd kien sab access ghad-dar minn bini li kien ghadu fi stadju ta' kostruzzjoni ma gemb l-istess dar u min kien x'aktarx qabez hajt divizorju u sgassa tieqa tal-aluminium li hemm fuq il-bejt tal-istess fond ta' Paul Debono.

Qal li kien gie allegat mid-derubat li sab taqlib u kienu insterqulu b'madwar elf u mitt lira fi flus u elf u hames mitt lira f'gojjellerija. Qal li b'dan kien gie nfurmat l-Magistrat tal-ghassa l-allura Magistrat Dottor Carol Peralta li ordna li tinzamm inkjesta u hatar lil allura PC 1030 Ivan Portelli u lil PC 1510 Michael Pace kif wkoll lil Perit Richard Aquilina sabiex jghinuh fl-inkjesta.

Zied jghid li dak z-zmien, ftit wara l-incident kien gie arrestat l-imputat presenti fl-awla 'n konnessjoni ma din is-serqa mill-allura Spettur Antoine Casha izda l-imputat dak iz-zmien kien irrifjuta li jirrilaxxja stqarrija. Zied jghid li fit-tmienja ta' Lulju 1991 kien inghalaq l-process verbal relattiv u fid-disgha w ghoxrin t'April 1996, l-allura PS 673

Mallia kien gie nominat dejjem fi stadju ta 'inkjesta sabiex jaghmel ezami komparattiv mal-*latex* tal-pulizija li hija *collection of fingerprints. F*it-tmienja ta' Jannar 1998 l-istess PS 673 Mallia gie awtorizzat mill-Qorti sabiex jirtira l-lifters u fid-disgha ta' Jannar 1998, l-Qorti ddecidiet li l-imputat ghandu jigi nvestigat ulterjorment mill-pulizija skond rapport tal-istess Surgent Mallia tal-*fingerprints*.

Ix-xhud kompla jghid li hu kien interroga lil imputat fl-ufficcju tas-CID nhar s-sitta ta' Mejju 1998 u wara li tah is-solita twissija, hu kien ikkonferma lil imputat bir-rizultanzi li kellhom sa dak z-zmien u kien qallu li kien ser jurih l-fond fiz-Zwejt u jistaqsih jekk qattx resaq jew dahal f'dik d-dar. Qal li sussegwentement s-Surgent 162 Howard flimkien ma kuntistabbli kien ha lil imputat hemmhekk u l-imputat kien stqarr verbalment li ma keinx resaq hemmhekk u cioe fil-plot 231 f'Taz Zwejt, San Gwann.

Kompla jghid li wara l-imputat ingieb l-ufficcju tieghu w irrilaxxja stqarraija. Qal li hu kien staqsih jekk jafx lil certu Paul Debono u l-imputat kien irrisponda li bhala Debono hu kien jaf certu wiehed Martin li jghidulu z-Zippo mill-Gzira. Qal li l-imputat kien rega' tenna li ma kienx mar hdejn din il-plot anzi qal li f'dawk l-inhawi kull ma kien mar ghand certu wiehed jismu Amante li joqghod San Gwann. Ix-xhud esibixxa stqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar s-sitta ta' Mejju 1998, liema stqarrija l-imputat kien ghazel li jiffirma. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu, dik tas-Surgent 162 Howard kif wkoll dik tal-imputat fuq l-istess stqarrija immarkata bhala Dok. JS 1 (fol. 28). Ix-xhud qal wkoll li fl-istess stqarrija hu kien staqsa lil imputat jekk hu f'xi mod kien involut f'serqa mill-post indikat, u l-imputat kien innega li kellu x'jaqsam b'xi mod fis-serqa, li mar fl-istess dar w innega wkoll li kien jaf min wettaq l-istess serqa.

Illi nhar s-sbatax ta' Gunju 1998 **xehed PC 1510 Michael Pace** [fol. 84] fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita a fol 18 tal-atti.

Illi nhar s-sbatax ta' Gunju 1998 **xehed PS 508 Francis Bezzina** [fol. 86] fejn qal li fit-tnax t'April 1991 hu kien gie nfurmat minn certu Paul Debono li kien safa misruq minn

daru 231, Taz-Zwejt, San gwann. Qal li hu kien acceda f'dan il-fond u sab li kien hemm taqlib fil-kamra tas-sodda fejn kien hemm diversi kxaxen miftuha. Qal li Paul Debono kien allega mieghu li kien safa' misruq minn xi elfejn lira maltin f'deheb u b'xi disgha mitt lira maltin fi flus kontanti. Qal li hu kien informa lis-superjuri tieghu b'dan u minn naha taghhom komplew bl-investigazzjoni huma. Qal li d-derubat kien allega li min serqu, kien allegatament dahal fil-fond mibni adjacenti li ghadu fi stat ta' kostruzzjoni liema fond igib in-numru 230 u li f'dak iz-zmien ma kienx abitabbli. Qal li min wettaq dan r-reat, tela' fuq il-bejt ta' dan il-fond disabitat, u sussegwentement qabel ghaz gol-fond derubat wara li sgassa tieqa tal-aluminium li tinsab fuq il-bejt u x'aktarx nizel minn hemmhekk. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva bhala Dok. JS 2 (fol. 88).

Illi nhar s-sbatax ta' Gunju 1998 **xehed l-allura PS 673 Joseph Mallia** [fol. 89] fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu a fol 43 et seq tal-atti. Qal li fil-konkluzzjonijiet tieghu kien irrizultalu li s-sebgha tan-nofs tal-id ix-xellugija tal-imputat kien jaqbel mal-kollezzjoni tal-pulizija. Qal li din il-kollezzjoni tal-pulizija tigi mibnija tul medda ta' snin, liema kollezzjoni fiha tletin elf impronta digitali u hija wahda komputerizzata u tikkonsisti minn impronti digitali ta' nies li jkunu gew issentenzjati l-habs u ta'nies li huma suspettati li wettqu xi reat.

Illi nhar s-sbatax ta' Gunju 1998 **xehed l-allura PS 282 Pierre Grech** [fol. 94] fejn esibixxa zewg folji li jindikaw l-impronti digitali tal-imputat mehuda seduta stante bhala Dok. PG (fol 96 et seq).

Illi nhar s-sbatax ta' Gunju 1998 **xehed Paul Debono** [fol. 98] fejn qal li ghal habta ta' April 1991 kienu dahlulu xi nies d-dar tieghu u wara kien mar jaghmel rapport l-ghassa dwar dan. Qal li l-pulizija sussegwentement kienu marru d-dar tieghu. Qal li meta kien irritorna lura d-dar dakinhar tas-serqa ghal habta tat-tmienja kien sab nieqes xi flus u deheb ta' martu. Qal li hu ma kienx f'posizzjoni li jaghti stima tad-deheb misruq ghalkemm stqarr li serqulu zewgt icrieket tad-deheb, wiehed minnhom tat-tieg forma

ta’ cirku, iehor li kellu wicc kwadru bl-inizjali PD fuqhom. Qal x’kellha martu ma kienx jaf. Mistoqsi kienx jaf lill-imputat stqarr li kien jafu peress li hu mill-Imsida bhalu. Qal li l-imputat, fil-presenza tieghu, qatt ma dahal fid-dar tieghu u ma ftakarx jekk qattx rah fl-inhawi ta’ fejn joqghod. Qal li kien ilu jaf lil imputat minn meta kienu ghadhom tfal.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Lulju 1998 **xehed l-allura Supretendent Raymond Zammit** [fol. 103] fejn esibixxa sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tletin ta’ Lulju 1997 fil-konfront tal-imputat presenti fl-awla fl-ismijiet **il-Pulizija vs Joseph Cini**, fejn fiha hu kien l-Ufficcjal Prosekutur w ikkonferma li l-imputat presenti fl-awla, huwa l-istess wiehed imsemmi fl-imsemmija sentenza mmarkata bhala Dok. RZ a fol 105 et seq tal-atti.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Lulju 1998 **xehed l-allura Spettur Pierre Calleja** [fol. 108] fejn esibixxa sentenza markata bhala Dok. PC (fol. 110 et seq) fl-ismijiet **il-Pulizija vs Joseph Cini** moghtija mill-Magistrat Dottor Silvio Meli nhar t-tnejn ta’ Lulju 1996 fil-konfront tal-imputat presenti fl-awla, f’liema sentenza hu kien l-Ufficcjal Prosekutur. Ikkonferma li l-imputat imsemmi f’dik s-sentenza huwa l-istess imputat presenti fl-awla.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Lulju 1998 **xehed l-ex PS 1030 Ivan Portelli** [fol. 131] fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita fi stadju ta inkjesta a fol. 46 tal-atti.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Lulju 1998 **xehed PS 162 Joseph Howard** [fol. 133] fejn wara li gie muri l-istqarrija esibita a fol 28 tal-atti, rilaxxjata mill-imputat odjern, ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-imputat kif wkoll dik tal-allura Spettur John Sacco fuqha. Ikkonferma wkoll li l-imputat gie moghti s-solita twissija qabel ma rrilaxxja l-l-imsemmija stqarrija. Zied jghid wkoll li hu kien akkumpanja lil imputat fil-fond fejn saret is-serq, u mieghu kien stqarr li qatt ma kien resaq lejn dak l-fond jew fil-vicinanzi tieghu salv ghal aktar ‘l fuq fejn kien hemm habib tieghu certu Amante li kien jghix fi blokk t’appartamenti.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 1998 **xehdet Mariella Debono** [fol. 135] fejn qalet li fis-sena 1991, hi u zewgha li joqghodu fil-fond 231, Taz-Zwejt, San Gwann kienu sfaw misruqa minn flus w oggetti tad-deheb. Qalet li sussegwentement kienu marru l-pulizija d-dar taghhom fejn interrogaw kemm lilha kif wkoll lil zewgha Paul Debono. Qalet li lil imputat qatt ma kienet ratu u li fil-presenza taghha qatt ma kien dahal d-dar taghhom. Qalet li meta serquha, kienu serqulha diversi oggetti tad-deheb li taghhom ma kienetx f'posizzjoni li taghti valur peress li kienu rigali w antiki. Ix-xhud ikkonfermat x-xhieda li kienet tat u li tinsab a fol 69 u 70 tal-atti odjerni. Ikkonfermat wkoll li l-bieb ta' barra tad-dar taghha kien imsakkar kif kienu hallewh dakinhar pero t-tieqa tal-*aluminium* li kellhom fil-*washroom* kellha marka fuqha ta' sgass u fil-fatt kienet mghattna. Qalet li fejn kellu l-flus zewgha f'kexxun, dan kien gie sgassat.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin t'Ottubru 1998 **xehed l-allura Spettur Patrick Spiteri** [fol. 147] fejn ikkonferma r-rapport maghmul minnu nhar t-tnax t'April 1991 esibit a fol. 41 tal-process. Qal li lil imputat hu jafu pero ma kienx f'posizzjoni jghid jekk hu qattx arresta lil imputat in konnessjoni mal-kaz in ezami. Meta gie muri r-relazzjoni esibita a fol. 48 tal-atti, u cioe dik tal-espert Ivan Portelli, qal li r-referenza P. Spiteri jimmagina li hi tieghu. Qal li lilu qatt ma gietu risposta jew direttiva sabiex jindaga aktar fuq l-investigazzjoni li kienet qed tinzamm mill-Magistrat, pero jekk kienx hemm ordni diretta lejn xi spettur investigattiv iehor, ma setghax jghid.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin t'Ottubru 1998 **xehed l-AIC Richard Aquilina** [fol. 151] fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita a fol 60 et seq tal-atti.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 1998 **xehed l-allura Spettur Antoine Casha** [fol. 159] fejn li nhar t-tnax t'April 1991 waqt li kien stazzjonat bhala Spettur s-CID, kien dahallu rapport minghand certu Paul Debono li kien safa' misruq mir-residenza tieghu 231, Taz-Zwejt, San Gwann. Ftakar li Paul Debono kien allega li kien sab il-bieb ta'

barra sgassat w ghalhekk kien informa lil Magistrat tal-ghassa dwar dan l-allegat serq u l-Magistrat tal-Ghassa kien ordna li tinzamm inkjesta. Qal li tul l-investigazzjoni tieghu, hu kien arresta lil imputat presenti fl-awla u anke kien ittanta jehodlu stqarrija pero l-imputat iddecieda li ma jirrispondi ghal ebda domanda li ghamillu.

Rat id-digriet taghha ta' l-1 ta' Frar 2009 fejn l-Qorti kienet innominat lil Joseph Bongailas sabiex jiehu l-impronti digital ital-imputat u jghamel ezami komparattiv bejn l-impronti digitali tal-imputat u dawk mehuda minn fuq ix-xena tad-delitt.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin t'Awwissu 1999 **xehed Joseph Bongailas** [fol. 194] fejn esibixxa r-relazzjoni tieghu bhala Dok. JB (fol. 196) u irritorna d-dokumenti li kien irtira sabiex jaqdi l-inkarigu lilu moghti.

Minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li wara li gew ezaminati u studjati u komparati l-impronti digitali li kien hemm fuq id-dokumenti esibiti mal-formola tal-impronti digitali tal-imputat, huwa kkonkluda li d-dokument 91ATN101 jaqbel mas-saba' tan-nofs tal-id ix-xellugija tal-imputat. Jikkonferma li l-linji suwed juru erbatax il-punt karetteristiku w identiku bejn id-dokument 91ATN101 u l-marka tas-saba' tan-nofs tal-id ix-xellugija tal-imputat Joseph Cini.

Issa minn ezami tar-relazzjoni ta' ex PC 1030 Ivan Portelli jirrizulta li d-dokument 91ATN101 kellha l-marka li qablet mal-impronti digitali tal-imputat, liema marka giet mehuda minn gewwa tat-tieqa li giet sgassata.

Illi l-Qorti rat il-verbal tas-seduta tal-wiehed w ghoxrin (21) t'April 2004 fejn l-imputat kien talab li jigi nominat Probation Officer sabiex ihejji *social inquiry report* w informa lil Qorti li huwa diga jinsab taht is-supervizjoni tal-Probation Officer Maryrose Farrugia.
Rat id-digriet taghha tal-istess jum tal-wiehed w ghoxrin (21) t'April 2004 fejn din il-Qorti kienet innominat lil Probation Officer Mary Rose Farrugia sabiex thejji *social inquiry report* fuq l-imputat odjern.

Illi nhar s-sebgha ta’ Lulju 2004 **xehdet Mary Rose Farrugia** [fol. 287] fejn esibiet *social inquiry report* fuq l-imputat bhala Dok. MF (fol. 288 et seq).

Minn ezami ta’ dan ir-rapport jirrizulta li l-imputat trabba f’familja fejn kien hemm problem matrimonjali u li huwa l-izghar iben wara tlett ibniet. Jirrizulta li t’erbatax il-sena mar ighix Londra u beda jahdem bhala *door boy* fil-*clubs* tal-West End w hemmhekk bdiet il-hajja tieghu turbulanti, ghaliex kien jidhol f’hafna nkwiet, tant li anke spicca ghamel xi zmien il-habs go Borstel. Jirrizulta li huwa llum ghandu relazjoni ma certu Miriam Gerada u minn din ir-relazzjoni ghandu erbat itfal u tnejn minnhom ighixu go Istitut. Il-Probation Officer Mary Rose Farrugia tghid li l-imputat ghandu rekord ta’ reati li jinkludi tletin kaz u jibda mit-tmienja w ghoxrin ta’ Marzu 1979 sas-sebgha w ghoxrin ta’ Mejju 2003, liema reati jvarjaw minn ksur tal-bon ordni, pussess ta’ droga serq u serq aggravat, li m’obdiex l-ordni tal-pulizija, li kiser il-bon ordni fil-Facilita Korretiva ta’ Kordin, ricettazzjoni, serq ta’ vettura u nuqqas t’osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku.

Jinghad ukoll f’dan ir-rapport li l-imputat irnexxielu jkompli programm ta’ rihabilitazzjoni kontra l-abbuz tad-droga fil-kumpless ta’ Santa Marija, ghalkemm qatt ma ggradwa minn dan il-programm, minhabba li rrifjuta l-*aftercare* u anke kellu *relapse*.

Ikkunsidrat ulterjorment:-

Illi l-Qorti tirrileva qabel xejn li din il-kawza kienet marret sine die nhar s-sittax ta’ Mejju 2005 ghaliex l-imputat kien mahrub u kien biss fuq talba tal-Kummissarju tal-Pulizija datata tlieta ta’ Novembru 2008, li din il-kawza regghet giet ri-appuntata u beda jigi registrat ftit progress, ghalkemm bil-mod hafna ghaliex b’dispjacir kbir tghid, li f’numru ta’ seduti ma kien jigri xejn ghaliex jew l-imputat ma kienx jidher jew l-avukat difensur tieghu kien jonqos li jidher.

Ikkunsidrat wkoll:

Illi l-prosekuzzjoni qed tibbaza il-kaz taghha fuq il-fatt li instabet impronta digitali fuq in-naha ta' gewwa tat-tieqa li giet sgassata li taqbel mal-impronta digitali tal-imputat odjern. Peress illi l-imputat cahad li qatt dahal f'din id-dar li giet effettivament derubata w ghalhekk ma taha ebda spjegazzjoni ta' kif tali impronta digitali tieghu nstabet fuq in-naha ta' gewwa ta' din it-tieqa, l-Qorti ghandha taqbel mal-prosekuzzjoni ghalhekk li kien l-imputat li dahal f'dan il-fond u seraq dak li gie rappurtat li nsteraq.

Illi skond is-sentenza moghtija ricentment minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Italo Grech et** tat-tlettax (13) ta' Mejju saret referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-sebgha (7) ta' Marzu 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja** fejn gie deciz:-

*"Illi l-ligi taghna ma tistabilixix il-kriterji ta' numru ta' matching points jew points of comparison li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma' dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero', l-Pulziija biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment 'l quddiem, tistrieh fuq disgha points. Izda qabel ma tmur il-Qorti, tkun trid li jkollha mill-inqas erbatax il-point of comparison."*

Il-Qorti tghaddi biex tikkowta wkoll dak li jghid **Blackstones** fil-ktieb tieghu ***Criminal Practice*** fejn jinghad li:-

*"Finger print evidence, like any other evidence, is admissible … if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value..."*

In oltre huwa relevant li jigi kwotat dak li ntqal fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fiol-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Noel Frendo** nhar it-tletin (30) ta' Dicembru, 2004 li:-

*"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova ndizzjarja – "circumstantial evidence" – li kif qal Lord Salmon fil-kaz* ***DPP v. Kilbourne*** *[1973] AC 729, p. 758 "…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating otherpossibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta nstabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, l-post fejn instabet l-impronta, tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat. Hekk, per ezempju, impronta misjuba f'bank fil-parti fejn il-pubbliku ghandu access u meta jirrizulta li l-imputat kien jiffrekwenta dak il-bank ftit li xejn tista' sservi ta' prova kontra dak l-imputat jekk huwa jigi akkuzat b'serq minn dak il-bank. L-istess ma jistax jinghad, pero`, jekk dik l-impronta tinstab fuq il-biebta' l-istrongroom tal-bank fejn l-impjegati tal-bank biss jistghu jidhlu u meta l-imputat ma hux tali impjegat u ma jirrizultax li qatt kellu ghalfejn jersaq lejn dak il-bieb…"*

Fil-kaz in dizamina, l-imputat stqarr li huwa qatt ma kien dahal fid-dar proprjeta ta' Paul u Mariella konjugi Debono u Paul Debono wkoll ighid li ghalkemm jaf lill-imputat, ghaliex huwa mill-istess ekwati tal-Imsida, ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghaliex ghandha tinstab impronta digitali fuq il-hogor tat-tieqa fuq in-naha ta' gewwa. L-imputat lanqas jipprova jaghti spjegazzjoni ta' x'setgha kien il-kaz.

Illi ghalhekk, a bazi ta' din il-prova xjentifika t'impronta digitali, l-Qorti hija konvinta li kien l-imputat odjern li dahal fil-fond ta' Paul u Mariella konjugi Debono u seraq dak li rraportaw l-istess konjugi Debono.

Dwar l-akkuza ta' hsara volontarja fil-fond, jirrizulta skond ir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina esebita fol. 60 tal-process, li l-unika hsara li kien hemm, kien sgass f'apertura tal-*aluminium* li tinsb fis-sular ta' fuq w ghalhekk tali hsara kienet il-mezz ai fini u cioe il-mezz li bih gie

facilitat d-dhul ghas-serqa w ghalhekk l-akkuza per se, ta’ hsara volontarja, ma tirrizultax.

Dwar l-aggravju tal-lok, din tirrizulta peress li l-fond li gie derubat, huwa r-residenza ta’ Paul u Mariella konjugi Debono.

Illi l-aggravju tal-mezz jirrizulta wkoll stante d-dhul abbusiv u l-isgass tal-apertura, filwaqt li ghal dak li jirrigwarda l-aggravju tal-valur, jirrizulta wkoll stante li skond il-perit tekniku AIC Richard Aquilina, l-valur tas-serqa kien jeccedi t-tlett elef lira maltin (LM3,000).

Illi ghalhekk din il-Qorti qed issib lill-imputat odjern hati tal-akkuza ta’ serq aggravat bil-lok, bil-valur kif wkoll bil-mezz, pero ma ssibux hati tal-akkuza ta’ hsara volontarja u ricettazzjoni, stante li qed issibu hati tal-akkuza principali u cioe dik ta’ serq.

Dwar l-akkuza ta’ recidiva, ma hemmx dubbju li din tirrizulta, ghaliex l-prosekuzzjoni esebiet zewg sentenzi li gew moghtija fil-konfront tal-imputat odjern u konfemati mill-ufficcjali prosekuturi fil-konfront tal-imputat fejn instab hati t’akkuzi ta’ serq aggravat u kien inghata sentenzi ta’ prigunerija.

Dwar il-piena:-

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol. 7 tal-atti, li tkopri perjodu bejn is-sena 1979 u s-sena 2003, minn fejn jirrizulta li din mhux inqas minn ktieb, bi tletin *conviction* registrat fuqha dwar akkuzi ta’ serq aggravat, kagunar ta’ feriti, pussess ta’ droga, theddid w attentat fuq ufficcjali pubblici, harba minn post ta’ kustodja u diversi reati ohra, fejn kien inghata sentenzi ta’ prigunerija, multi w amendi, izda dan nonostante, l-imputat ma tghallimx mill-opportunitajiet moghtija lilu ghaliex rega’ jinsab quddiem il-Qorti.

F’dawn ic-cirkostanzi, ghalkemm ghaddew dsatax il-sena (zgur mhux tort tal-Qorti) minn meta sehh ir-reat, l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tuza l-id iebsa mal-imputat

sabiex turih li mal-Qorti ma jiccajtax aktar, u timponi sentenza ta’ prigunerija fuqu u dan ghaliex l-imputat ma jridx jitghallem li fil-hajja ma tistax tibqa tisraq u tghix bhal *cleptomaniac* minn fuq dar haddiehor, li jkun ghamel mitt elef sagrificju sabiex jaqla lira u jispicca misruq minn persuna rresponsabbli, ghaliex f’dak il-kaz, postu huwa il-Facilita Korretiva ta’ Kordin ghal frisk.

M’hemmx dubbju li l-imputat qed jippersisti li jghix din il-hajja ta’ kriminal a spejjez tas-socjeta ‘n generali, li kollox fuq kollox jifforma parti anke minnha hu stess u li donnha din il-kwalita ta’ hajja ghogbitu mhux hazin, **sa issa**, ghaliex rega’ jinstab quddiemha akkuzat bir-reati odjerni.

Il-Qorti rat ukoll li l-imputat m’ghamilx tajjeb ghad-danni sofferti mill-vittmi w ghalhekk b’din il-piena, huwa sejjer jinghata cans iehor sabiex jirriabilta ruhu qabel ma jerga jintegra ruhu fis-socjeta.

Il-Qorti, ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 278, 330, 279, 280, 281, 325(b), 334, 289, 49, 50, 20, 17(b), 31, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddeciedi billi tiddikjara li ssib lil imputat JOSEPH CINI hati tal-akkuza ta’ serq aggravat bil-lok, bil-mezz u bil-valur u talli huwa recidiv u tikkundannah ghal perjodu ta’ prigunerija ta’ tlett (3) snin filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuza ta’ hsara volontarja u tilliberah minnha.**

**Peress li sabitu hati tal-akkuza ta’ serq aggravat qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza ta’ ricettazzjoni stante li din tinghata alternattivament ghal akkuza ta’ serq li gia sabitu hati taghha.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe tal-Perit Richard Aquilina [fol. 64] u Joseph Bongailas [fol. 201] fl-**

**ammont komplessiv ta' disgha w disghin lira maltin u tlieta w erbghin centezmu [LM99.43] ekwivalenti ghal mitejn wiehed u tletin euro u sitta w sittin euro centezmi [€231.66] u dan fi zmien sitt (6) xhur mill-lum u jekk l-imputat jonqos li jhallas tali ammont, dan jigi konvertit fi prigunerija <u>awtomatikament</u> bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------